filwaqt li l-gutturali k daħlet flok l-ittri c u ch tal-Accademia Filologica Maltese u l-q bil-ħoss ta' qof, flok il-k ta' l-alfabet ta' qabel.

Minn mindu nħolqot sal-lum din l-Għaqda, bl-organu tagħha, "Il-Malti", żmien sabiħ ta' madwar 38 sena, li l-ebda Soċjetà jew Xirka oħra letterarja ma laħqitu, aħna naraw li l-kitba Maltija ta' proża u poeżiji tagħleb fil-wisa' dak ix-xogħol u prodott ta' ħidma fil-letteratura Maltija ta' mitt sena ilu u fuqhom.

F'dan iż-żmien ta' ħajja tagħha mindu twieldet sal-lum, aħna rajna illi bl-emendi li kienu saru fl-Ittri Patenti dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta tas-snin 1921 u 1934, il-Malti daħal bħala Ilsien uffiċjali, sew fil-Qrati, fl-attijiet notarili, fl-amministrazzjoni dipartimentali tal-Gvern kif ukoll fl-iskejjel, u, fl-aħħarnett fl-Università. Mill-1934, barra minn żewġ grammatiki għat-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Primarji u Liċeali, grammatika tal-Malti bl-Ingliż għall-istudenti universitarji, ħarġu kotba ta' antoloġiji ta' proża u poeżija bil-Malti, kotba tal-qari, rumanzi, ġabra ta' novelli, traduzzjoni monumentali tal-Bibbja kollha, studji kritiċi, essays, kotba fuq it-taħriġ tal-kitba Maltija, fuq l-istruttura u l-għamla ta' l-Ilsien Malti u l-lingwistika, fejn il-Malti hu miktub bis-sistema tal-Għaqda. Is-sistema tal-Għaqda wara żmien ixxerred b'mod fost il-ġurnalisti, ir-rumanzieri, il-poeti żgħażagħ u xjuħ, illi l-kitba tiegħu saret ukoll il-kitba ta' kull ġurnal, politiku, reliġjuż, kummerċjali jew soċjali, kif ukoll ta' kull rivista.

Għalhekk inqisu li nibqgħu nwettqu s-sisien tat-tagħlim tal-Malti bix-xogħlijiet letterarji tagħna li l-lum qegħdin dejjem jiżdiedu u jimlew il-libreriji Pubbliċi tagħna u dawk ta' l-iskejjel u ta' l-Università, imma fuq kollox inqisu li nżommu sħaħ il-prinċipji li fuqhom aħna bnejna għas-seħħ is-sistema ta' kitba tal-Għaqda, li nistgħu nqisuhom fl-istorja ta' l-Lsien Malti bħala s-sisien tal-ħajja tiegħu.



# QUDDIEM XBIEHA TAL-MADONNA

*Ta'* P. Alfred M. Previ, O.P.

Kemm inħoss tfur il-ħena ġewwa qalbi
Meta f'riġlejk nintafa' f'din is-sikta,
Għaliex hawn biss inħoss jinstama' talbi,
Hawn biss issib is-serħ dir-ruħ imnikkta.

U f'dan id-dawl inemnem ċkejken, nilmaħ
Id-dmugħ ileqq fi ħbub għajnejk żgħeġija,
U maċ-ċaqliq kull tant tad-dawl, bħal minfaħ
Lil sidrek tiela' u nieżel fit-tbatija.

Għax taf Madonna id-degħbien li jbiegħed
Lil qalbek minn dir-ruħ tad-dnub ilsira,
Dir-ruħ fil-ħażen mgħarrqa, li titriegħed,
Imneżżgħa minn kull ġieħ, marida, fqira.

U nħossok tgħidli int u tħares lejja:
Minn dnubek indem, miftuħin idejja.

---

# PATRI LIBORJU CARUANA, O.F.M.

*Ta'* Fra Ġorġ Aquilina, O.F.M.

NISTGĦU ngħidu bla tlaqliq li s-sekli sbatax u tmintax kienu għall-Patrijiet Minuri Maltin sekli ta' progress u ta' attività sħiħa, li matulhom nisġu l-isbaħ kuruna ta' ġieħ madwar ras il-Provinċja Minoritika Maltija.

Fost il-Patrijiet li għamlu unur insibu lil Patri Liborju Caruana O.F.M. minn Ħal Qormi.

Twieled fl-1663. Ta' sbatax-il sena daħal Patri u beda n-Novizzjat f'Sirakuża, fejn għamel ukoll l-istudji u ipprofessa r-Regula.

Fit-12 ta' Ġunju 1683 ġie ordnat Suddjaknu u sena wara maħtur Saċerdot fil-Katidral ta' Sirakuża minn idejn l-Isqof Mons. Franġisk Fortezza.

Patri Liborju mill-ewwel deher li hu bniedem ħabrieki u għaqli, tant li fl-ewwel snin tas-Saċerdozju tiegħu kien diġà dar il-pulpti l-aktar importanti ta' Sqallija u ta' Malta.